

(4) (a) Jekk jiġi ammess li l-funzjoni ewlenija jew prinċipali tal-karti tal-memorja tat-telefoni ċellulari ma hijiex li sservi għall-ikkopjar għal użu privat, huwa allura kompatibbli mad-Direttiva li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tipp-rovdi għal kumpens għad-detenturi tad-drittijiet għall-ikkopjar fuq karti tal-memorja ta' telefoni ċellulari.

(b) Jekk jiġi ammess li l-ikkopjar għal użu privat huwa wieħed mill-funzjonijiet ewlenija jew prinċipali tal-karti tal-memorja tat-telefoni ċellulari, huwa kompatibbli mad-Direttiva li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tipp-rovdi għal kumpens għad-detenturi tad-drittijiet għall-ikkopjar fuq il-karti tal-memorja tat-telefoni ċellulari?

(5) Il-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tippovidi għal ħlas fuq il-karti tal-memorja, filwaqt li ebda ħlas ma huwa meħtieġ għal memorji interni bħal apparti li jdoqqu fajl-ljet MP3 jew iPods, li huma intiżi u prinċipalment użati għall-ħażna ta' kopji għal użu privat huwa kompatibbli mal-espressjoni "bilanç ġust", li tinsab fil-premessa 31 tad-Direttiva, u mal-interpretazzjoni uniformi tal-kunċett ta' "kumpens ġust" tal-Artikolu 5(2)(b) tagħha, li għadu jkun ibbażat fuq il-“preġudizzju”?

(6) (a) Id-Direttiva tipprekludi li Stat Membru jkollu leġiżlazzjoni li tippovidi li l-manifattur u/jew l-importatur, li jbiegħ karti tal-memorja lil professjonisti li min-naħħa tagħhom ibiegħawhom kemm lil individwi kif ukoll lil professjonisti, mingħajr mal-manifattur u/jew l-importatur ma jkun jaf jekk dawn il-karti tal-memorja humiex mibjugħha lil individwi jew lil professjonisti, huwa obbligat iħallas tariffa għall-ikkopjar għal użu privat?

(b) Il-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom bħala effett li l-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur ma għandux iħallas tariffa fuq il-karti tal-memorja użati għal finnijiet professjonali, li l-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur li xorta waħda ħallas it-tariffa jista' jitlob ir-rimbors ta' dik it-tariffa li tikkonċerha l-karti tal-memorja użati għal finnijiet professjonali, u li l-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur jista' jbiegħ karti tal-memorja lil impriżi oħra rreġistrati mal-organizzazzjoni li tamministra l-iskema tat-tariffi, jaftettwa r-risposta għad-domanda 6(a)?

(c) Ir-risposta għad-domanda 6(a) jew (b) tkun differenti:

(i) jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom bħala effett li l-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur ma għandux iħallas tariffa fuq il-karti tal-memorja użati għal finnijiet professjonali, iżda fejn il-kunċett ta' “użu għal finnijiet professjonali” huwa interpretat bħala li jagħti dritt għal tnaqqis applikabbli biss fir-rigward tal-impriżi approvati minn Copydan, filwaqt li t-tariffa

għandha titħallas għall-karti tal-memorja użati għal finnijiet professjonali minn klijenti professjonali mhux approvati minn Copydan;

(ii) jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom bħala effett li, jekk il-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur xorta waħda ħallas (teoretikament) it-tariffa, din tista' tiġi rrimborsata fir-rigward tal-karti tal-memorja safejn dawn huma użati għal finnijiet professjonali, iżda fejn:

— fil-fatt, biss ix-xerrej tal-karta tal-memorja jista' jikseb ir-rimbors, u

— ix-xerrej tal-karta tal-memorja għandu jitlob lil Copydan ir-rimbors tat-tariffa;

(iii) jekk il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom bħala effett li l-manifattur, l-importatur u/jew id-distributur jista' jbiegħ, mingħajr ma jħallas it-tariffa, karti tal-memorja lil impriżi oħra rreġistrati mal-organizzazzjoni li tamministra l-iskema tat-tariffi, iżda:

— Copydan hija l-organizzazzjoni li tamministra l-iskema tat-tariffi, u

— l-impriżi rreġistrati ma jafux jekk il-karti tal-memorja humiex mibjugħha lil individwi jew lil professjonisti?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 17, Vol 1, p. 230).

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Cosenza (I-Italja) fid-19 ta' Ottubru 2012 — CCIAA di Cosenza vs Fallimento CIESSE SRL

(Kawża C-468/12)

(2012/C 399/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinvju

Tribunale di Cosenza

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura (CCIAA) di Cosenza

Konvenuta: Fallimento CIESSE SRL

## Domanda preliminari

Il-leġiżlazzjoni Taljana li tikkonċerna l-metodu tal-kalkolu tat-tariffa annwali li huma suġġetti għaliha l-persuni kollha li jeż-ċitaw attivită̄ ekonomika, sa fejn hija tipprevedi li n-negozjanti individuali għandhom iħallsu tariffa annwali ta' natura fissa (EUR 200 jekk ikunu mniżżla fit-taqṣima ordinarja jew inkella EUR 88 jekk ikunu mniżżla fit-taqṣima speċjali); li l-soċjetajiet ċivili agrikoli għandhom iħallsu tariffa annwali ta' natura fissa ta' EUR 100 (minbarra EUR 20 għal kull unità lokali); li l-unitajiet lokali u/jew sedi sekondarji ta' impriżi li jkollhom is-sede tagħhom barra mill-pajjiż iħallsu ammont fiss ta' EUR 110; li s-soċjetajiet ċivili li jkollhom għan soċjali mhux agrikolu jħallsu ammont fiss ta' EUR 200; li s-soċjetajiet ta' avukati jħallsu ammont fiss ta' EUR 200, filwaqt li s-suġġetti ekonomiċi kollet-tivi l-oħra (kumpanniji, konsorza, eċċ.) huma obbligati għall-ħlas ta' "tariffi li jkunu jikorrispondu għall-dħul mill-bejjgħ tas-sena preċedenti" (u b'hekk jistgħu jaslu li jħallsu sa' EUR 40 000), tmur kontra l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/7/KE<sup>(1)</sup>, tat-12 ta' Frar 2008, safejn hija timponi obbligu iktar oneruż għall-eż-żeċċizzju tal-attivită̄ kummerċjali mwettqa minn kumpannija b'kapital azzjonarju (frażi li hija intiża fis-sens wiesa' tagħha kif huwa l-każ fl-imsemmija direttiva Komunitarja) meta mqabbel ma' dak impost fuq l-eż-żeċċizzju ta' attivitajiet ta' impriżza mwettqa minn impriżza individuali?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE, tat-2 ta' Frar 2008, dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU L 46, p. 11)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte Suprema di Cassazione (l-Italja) fit-22 ta' Ottubru 2012  
— Panasonic Italia SpA. vs Agenzia delle Dogane

(Kawża C-472/12)

(2012/C 399/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Qorti tar-rinviju

Corte Suprema di Cassazione

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Panasonic Italia SpA.

Konvenuta: Agenzia delle Dogane.

## Domandi preliminari

(1) Prinċipalment, skrin tal-plażma tal-kulur (ta' daqs li jikkorrispondi ma' dżagonali ta' 106,6 cm, li għandu żewġ loudspeakers u remote control u li għandu dispożittiv ta' aċċess digħi previst sabiex tiddaħħal video card (ta' spiżza żgħira ħafna, li tista' faċilment tinkiseb u tiddaħħal), li ma huwiex importat mal-iskrin u li, ladarba jiddaħħal, l-iskrin, li jista' jiġi konness mhux biss ma' magni awtomatiċi ta' pproċessar tal-informazzjoni, iżda wkoll ma' apparat ta' reġistrazzjoni u ta' riproduzzjoni vidjofoniċi, ma' DVD readers, ma' camcorders u ma' riċevituri tat-televiżjoni bis-satellita, ikun jista' jirċievi sinjal komposti AV, għandu jiġi kklassifikat fis-subtestatura 8471 jew fis-subtestatura 8528, qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 754/2004<sup>(1)</sup>)?

(2) fkaż ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, il-Qorti Ewropea hija mitluba tevalwa u tiddeċċiedi jekk il-klassifikazzjoni ta' tali skrin fis-subtestatura 8528 hijiex minnha l-oħra imposta mir-Regolament (KE) Nru 754/2004 u;

(3) fkaż ta' risposta affermattiva għal din id-domanda — jekk id-dispożizzjonijiet previsti f'dan ir-rigward minn dan ir-regolament humiex tali li jiġu kkunsidrati jew le bħala interpretativi u, minħabba dan il-fatt, retroattivi bil-kundizzjoni tal-applikabbiltà ta' dispożizzjoni preċedenti espressi f'sens kuntrarju.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 754/2004, tal-15 ta' April 2004, dwar il-klassifika ta' ċerta merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 16, p. 93).